MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 943/2011

**Carmelo Baldacchino f'ismu propju u f'isem Carmelo Baldacchino Aluminium Works**

**Vs**

**VictorEllul**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet fejn l-attur talab illi fis-sena 2009 ir-rikorrent gie inkarigat mill-intimat sabiex jikkonsenja lill-istess intimat twieqi bibien u nets ta' l-aluminium, inehhi t-twieqi u bibien tal-hadid u minnflokhomm jinstalla l-istess materjal imsemmi u jipprovdilu ukoll servizzi relatati;

Illi l-intimat avvza lir-rikorrent sabiex ma jaghmilx l-ordni kollha f'daqqa ghaliex l-istess intimat kien ghadu ghaddej b'xoghol strutturali fil-fond relattiv. Ghaldaqstant u fuq l-istruzzjonijiet tal-istess intimat, ir-rikorrent ikkonsenja l-aperturi hekk mitluba mill-intimat u pprovda s-servizzi kif mitlub jaghmel ghall-aperturi kif miftiehem;

Illi hekk kif tlesta dan ix-xoghol kif deskritt fil-paragrafu precedenti, l-intimat informa lir-rikorrent li kien sodisfatt bix-xoghol li sar mir-rikorrent u l-intimat stess verbalment informa lir-rikorrent illi huwa kien sejjer jaghtih struzzjonijiet ulterjuri sabiex jigu konkluzi x-xogholijiet kollha kif miftiehem originaljament. L-intimat specifikament informa lir-rikorrent illi r-rikorrent kellu jistanna struzzjonijiet ulterjuri ghaliexm l-intimat kellu jlesti xi xogholijietn fil-fond qabel ma jipprosegwi ghall-israllazzjoni tal-kumplament ta' l-aperturi u l-aluminium;

Illi hekk kif ghadda ftit zmien, ir-rikorrent, li kien fl-interess tieghu jaghlaq u jitkompla l-progett ai termini tal-ftehim originali ikkuntatja lill-intimat sabiex jivverifika meta kien sejjer imur fuq il-fond sabiex ikompli x-xogholijiet. L-intimat rega' infurmah illi kien sejjer jikkomunika mieghu bi struzzjonijiet ulterjuri sabiex ikompli. Jigi sottolineat illi ghalkemm kien ghadda z-zmien, l-intimat fl-ebda mod ma ghadda kummenti negattivi fuq xogholijiet;

Illi l-partijiet ftehmu illi l-prezz finali kellu jigi stabbilit wara li jigi kkompletat u konkluz il-progett kollu u l-hlas da parti ta' l-initmat kellu jintalab u ssussewgwentament isir mal-komkluzzjoni tal-progett. Wara li tlesstiet l-ewwel fazi tal-progett, l-initmat baqa'  jipprohastina l-kontinwazzjoni tal-progett u dan a bazi ta' l-allegat fatt illi huwa kellu  jlesti x-xogholijiet ohra gewwa l-fond;

Illi l-intimat injora ghal kollox lir-rikorrent u naqas milli jikkomunika mieghu ghal zmien twil. Ghaldqastant ir-rikorrent hareg talba ghal hlas fl-ahhar tas-sena 2010;

Illi l-bilanc tal-prezz ta' dan il-materjal, kif ukoll servizzi rezi huwa ta' tliet elef u disgha u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€3,039.68) u dan kif jirrizulta mill-fattura kopja anessa u mmarkata bhala Dok A;

illi ghalkemm l-initmat gie interpellat diversi drabi verbalment sabiex ihallas u ntbaghtet il-fattura, dan il-kreditu sa 'llum ma thallasx;

Illi hekk ukoll, wara li l-intimat ircieva ittra legali datata 20 ta' Awwissu, 2011, l-intimat qajjem l-allegazzjoni illi x-xogholijiet ma kienux skont is-sengha u l-arti;

Illi ghalhekk ir-rikorrent kien kostrett jirrikurri ghall-proceduri odjerni;

Ghaldaqstant nitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara li l-ammont huwa dovut lir-rikorrent mill-intimat bhala ammont likwidu u cert u tordna lill-intimat sabiex ihallas l-imsemmi ammont u tordna illi l-intimat jhallas l-ispejjez u l-imghaxijiet ta' din il-kawza.

Il-konvenut ressaq l-eccezzjonijiet tieghu permezz ta' risposta pprezentata fit-28 ta' Novembru, 2011 fejn eccepixxa:

1) Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Illi l-fattura mehmuza ma' l-avviz m'ghandhiex mis-sewwa u dana billi l-attur hadem l-ahhar fil-fond tal-konvenut fis-6 ta' Gunju tas-sena 2009 u minn hemm -il quddiem hu abbanduna ix-xoghol;

3) Illi hu l-attur li abbanduna u kiser il-ftehim t'appalt ta' bejn il-kontendenti billi ma wettaqx il-maggor parti tax-xoghol skont il-ftehim;

4) Illi x-xoghol imwettaq mill-attur ma sarx skont is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi;

5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nghatat decizjoni fejn ma gietx milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Din il-kawza titratta xoghol ta' aluminium li l-attur ghamel fil-fond tal-konvenut. Jinghad illi x-xoghol ma giex ordnat kollu f'salt wiehed. Min-naha l-ohra l-konvenut jghid illi x-xoghol ma sarx sew u qatt ma gie komplut fis-sens illi twahhal l-aluminium izda baqa' ma giex iffinalizzat;

Il-konvenut ressaq provi biex jikkonvinci lit-Tribunal illi x-xoghol li sar mill-attur fil-propjeta tieghu ma sarx sew. L-attur abbanduna x-xoghol tieghu u halla lill-konvneut nofs xoghol bil-konsegwenza illi ghamillu hafna hsara, telf ta' hin u tertieq ta' qalb.

Il-gurisprudenza taghha turi bic-car illi meta persuna ma tezegwix xoghol sew allura tilfett id-dritt tal-hlas. Dan jinghad ukoll fil-kawza Pierre Darmanin vs Moira u Christopher Agius deciza fis-6 ta' Ottubru, 2004 fejn il-Qorti tal-Appell qalet illi "bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u guris prudenzajalment ricevut illi l-appallatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens illi huwa ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti". Lanqas ghandu dan ix-xoghol johloq inkonvenjent ikbar lil minn ikkommissjona x-xoghol kif sar f'dan il-kaz.

Ghalhekk u dawn ir-ragunijiet it-Tribunal iqis illi gialadarba x-xoghol ma twettaqx skont l-arti u s-sengha allura l-attur mhux intitolat ghal hlas mill-konvenut u ghalhekk jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------